**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, it-Tlieta, sbatax (17) ta' Settembru 2024

Kawża Nru 511/2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

vs

**Fathia Hassan Elsharkawy**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Fathia Hassan Elsharkawy**, imwielda nhar l-għoxrin (20) ta' Marzu 1957 u residenti "Trilogy" Blok A, Maisonette 2, Triq Ġużeppi Bajada, Xagħra, Għawdex detentriċi tal-karta tal-identita numru 224118(L) talli nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju 2024 u fil-jiem ta' qabel ġewwa l-gżejjer Maltin:

(1) insulentat, heddet jew inġurjat bi kliem jew b'mod ieħor lil Alexia El Mehdy (30281G);[1]

(2) u aktar talli volontarjament kisret il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju.[2]

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija tapplika l-artikolu 383 tal-Kap. 9 fil-konfront tal-ħatja.

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Uffiċjal Prosekutur;

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet lill-*parte civile* Alexia El Mehdy tirrinunzja għal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-akkużata;

Semgħet wkoll lill-parte civile u Moustafa Mohammed Mohammed El Mehdy jiddikjaraw li huma ma kinux sejrin jixhdu f'dawn il-proċeduri biex ma jinkriminawx ruħhom peress li b'rabta mal-istess allegat inċident għandhom proċeduri kriminali fil-konfront tagħhom;

---

[1] Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9.
[2] Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9.

Semgħet lil Mohamed El Mehdy tramite l-legali tiegħu jiddikjara li huwa ma xtaqx jixhed f'dawn il-proċeduri peress li huwa r-raġel tal-akkużata u missier Moustafa Mohammed Mohammed El Mehdy li wkoll għandu proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu;

Semgħet lil Ahmed Mohammed El Mehdy jiddikjara li huwa ma xtaqx jixhed f'dawn il-proċeduri peress li l-akkużata hija ommu;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti tal-każ jikkonċernaw is-segwenti: Alexia El Mehdy u Ahmed Mohamed El Mehdy jinsabu għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni, liema proċeduri jidhru li huma pjuttost missielta sew. Jidher wkoll li l-familjari tar-raġel involvew ruħhom wkoll f'din il-battalja legali ta' bejn l-Alexia El Mehdy u l-eks raġel tagħha.

Fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju 2024 għall-ħabta tas-sebgħa u nofs neqsin ħamsa ta' filgħaxija (19:25hrs), Ahmed Mohammed El Mehdy mar fl-Għassa tal-Pulizija biex jirrapporta li l-eks martu Alexia El Mehdy kienet qiegħda issegwieh, tibgħatlu messaġġi u tagħmillu x-xenati kull darba li tiltaqa' miegħu.

Min-naħa tagħha Alexia El Mehdy irrapportat li dakinhar stess aktar kmieni hija kienet marret qrib ir-residenza ta' Ahmed Mohammed El Mehdy fix-Xagħra, Għawdex biex tkellmu. Hekk kif marret biex tkellem lil Ahmed, ħu Ahmed li jismu Moustafa u missieru qabdu jgħajjtu. Moustafa f'ħin minnhom beda jagħti u jsabbat fuq il-bieba tal-karozza tagħha u fil-kommozzjoni anke laqat f'wiċċu lil minuri Ayten li kien ma' Alexia. L-akkużata li tiġi omm l-eks raġel tal-parte civile wkoll bdiet tgħajjat u tindirizza kliem fil-konfront tal-istess Alexia El Mehdy.

Ikkunsidrat;

L-ewwel (1) akkuża tirrikjedi l-kwerela tal-parti offiża sabiex tkun tista' titmexxa l-azzjoni kriminali. In vista li l-parte civile irrinunzjat għall-azzjoni kriminali, il-Qorti trid bil-fors tiddikjara l-proċediment estint fir-rigward ta' din l-akkuża.

Għar-rigward l-akkuża l-oħra, kien neċessarju li x-xhieda okulari tal-każ jagħtu x-xhieda tagħhom f'dawn il-proċeduri. Dan pero ma seħħx għal diversi raġunijiet. Xi wħud mix-xhieda għażlu li ma jixhdux biex ma jinkriminawx lilhom infushom peress li b'rabta mal-allegat inċident għandhom proċeduri kriminali pendenti kontra tagħhom. Xhieda okulari oħra – għalkemm ma kellhomx proċeduri fil-konfront tagħhom – għażlu li ma jixhdux

in vista tar-relazzjoni tagħhom mal-akkużata u persuni oħra li kontra tagħhom ittieħdu proċeduri kriminali.

Il-Qorti għalhekk jibqgħalha biss ir-rapporti li saru lill-Pulizija u dak li intqal lill-Pulizija, li pero mhumiex suffiċjenti sabiex abbażi tagħhom il-Qorti tasal għal sejbien ta' ħtija.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti:

**(a)** **<u>qiegħda tiddikjara l-proċediment estint fir-rigward tal-ewwel (1) akkuża stante li l-parte civile irrinunzjat għall-azzjoni kriminali;</u>**

(b) **<u>għar-rigward it-tieni (2) akkuża stante li din ma rriżultatx il-Qorti qiegħda tillibera lill-akkużata minn kull ħtija u piena.</u>**

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur